MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 132/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur S. Micallef)**

**Vs**

**Emanuel Cucciardi**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-19 ta' Dicembru 2003, ghall-habta ta' 9.45 p.m., f'diversi toroq f'Sta. Venera u f'dawn il-Gzejjer, saq vettura nru. IBG-839 :**
**1) b'manjiera traskurata;**
**2) saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta;**
**3) b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni;**

**4) bil-hsieb biss li jaghmel uzu temporanju, saq l-imsemmija vettura kemm b'forza mekkanika jew b'mod iehor, naqas li jkollu l-permess tas-sid jew awtorita' kompetenti ohra;**
**5) b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti habat ma' vettura nru. KBF-318 u vettura nru. CAS-147 u nvolontarjament ikkagunalhom hsarat ghad-dannu ta' Carlo Medati u Agnese Medati;**
**6) involontarjament ikkaguna hsarat fl-istess vettura li kien qed isuq ghad-dannu ta' Francois Spiteri;**
**7) naqas li jkollu kontroll shih tal-vettura u/jew tal-steering wheel;**
**8) naqas li jiehu l-prekawzjonijiet mehtiega meta kien hiereg ghal fuq triq principali;**
**9) u aktar talli naqas li jieqaf fejn kien hemm sinjal li jindika "stop".**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Gunju, 2004, li biha, wara li rat Sec. 15(1)(a)(2)(3) Chap. 65, Sec. 3(1) Chap. 104, Sec. 61(1) Chap. 65, M.V. R. 68, L.N. 94/69, Sec. 328 Chap. 9 u l-artikolu 31(f) tal-Kap. 9 sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal LM10 ammenda fuq l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet flimkien u LM20 ammenda fuq it-tielet imputazzjoni filwaqt li lliberatu mir-raba' imputazzjoni minhabba konflitt fil-provi. Iddikjarat proceditment ezawrit fuq il-hames u s-sitt imputazzjonijiet stante rinunzja w illiberatu mis-seba', it-tmin w id-disa' imputazzjonijiet li kienu preskritti.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fil-25 ta' Gunju, 2004, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tibdel u timmodifika s-sentenza appellata, billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat hati fuq l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni, u illiberatu mir-raba', mis-seba', t-tmin u d-disa' imputazzjoni, w iddikjarat procediment ezawrit fuq il-hames u s-sitt imputazzjoni, thassaraha w tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal LM10 ammenda fuq l-ewwel u t-tieni imputazzjoni w LM20 ammenda fuq it-tielet imputazzjoni

u, minflok, tinfliggi l-piena skond il-ligi, nkluza l-iskwalifika temporanja tal-licenzja tas-sewqan.

**Fliet l-atti kollha processwali;**

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti u cioe' li filwaqt li l-Ewwel Qorti nfliggiet il-piena pekunjarja tal-ammenda bhala l-piena tal-kontravvenzjonijiet ghar-reati li dwarhom l-imputat gie misjub hati minnha, il-ligi, Kapitolu 65 , fl-artikoli 15 (1) (a) (2) u (3) tippreskrivi l-piena tal-multa ta' mhux izjed minn LM100n jew tal-prigunerija ta' mhux izjed minn tlett xhur , kif ukoll l-iskwalifika tal-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' mhux inqas minn tlitt xhur . L-Ewwel Qorti naqset li tosserva dan minkejja li f' dan il-kaz partikolari l-prosekuzzjoni kienet ghamlet dik it-talba ghall-iskwalifika ai termini tal-artikolu 15 (3) tal-Kap.65.

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi dan hu appell biss dwar il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti. Fis-sentenza appellata , l-appellat instab hati biss tal-ewwel tlitt imputazzjonijiet u cioe' 1) ta' sewqan b'maniera traskurata; 2) ta' sewqan tal-istess vettura minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-trasport ta' Malta; u 3) u b'hekk ma kienx kopert b' polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni.**

**Illi l-ewwel zewg imputazzjonijiet jaqghu taht id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 15 (1) (a) tal-Kap.65 , fejn il-piena ghal min jinsab hati hija l-multa ta' mhux aktar minn LM100 jew prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn tlitt xhur. Pero' is-subartikoli (2) u (3) tal-istess artikolu jimponu wkoll l-iskwalifika mil-licenzji tas-**

**sewqan ghall-periodu ta' mhux inqas minn tlitt xhur jew tmint ijiem skond il-gravita' tal-kaz.**

**It-tielet imputazzjoni umbaghad taqa' taht l-artikolu 3 (2) u (2A) tal-Kap.104, fejn il-piena ghall-ewwel reat tkun il-multa ta' mhux inqas minn LM1000 izda mhux aktar minn LM2000 jew ta' prigunerija ghal zmien li ma jkunx aktar minn tlitt xhur oltre l-iskwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan ghall-periodu ta' sena mid-data tas-sentenza.**

**Is-subartikolu (2B) umbaghad jippreskrivi ukoll li l-artikolu 21 tal-Kap.9 u l-Att dwar il-Probation ma japplikawx ghal din ix-xorta ta' reat u ghalhekk il-Qorti hija prekluza milli tinzel taht il-minimu stabilit, jew li tillibera nkondizzjonatament jew kondizzjonatament jew li tapplika l-provvedimenti tal-probation .**

**Ghalhekk mad-daqqa t' ghajn jista jidher ovvju li l-Ewwel Qorti ma applikatx il-pieni ndikati skond il-ligi.**

**Pero' irid jigi osservat li kif jirrizulta mill-istess komparixxi (fol. 1) l-appellat li twieled fil-1987 , kellu biss sittax il-sena meta kkommetta r-reati li taghhom instab hati , u ghalhekk , skond l-artikolu 37 tal-Kap.9 , il-piena applikabbli trid titnaqqas bi grad jew tnejn. Ghalhekk jidher li l-Ewwel Qorti, ghalkemm ma ccitatax dan l-artikolu fis-sentenza appellata, pero' semmiet li l-appellat kien taht l-eta', hadet dan il-fattur in konsiderazzjoni meta giet biex tinfliggi l-piena.**

**Issa ladarba l-Ewwel Qorti kellha d-diskrezzjoni li tapplika l-piena pekunjarja fil-kaz tat-tlitt reati w il-piena hawn kienet dik tal-multa , jekk kellha tinzel grad bl-applikazzjoni tal-artikolu 37 u 31 (1)(f), mill-piena tal-multa kellha bilfors tinzel ghall-piena tal-kontravvenzjonijiet li fil-kaz ta' piena pekunjarja hija l-ammenda, fejn skond l-artikolu 13 (1) il-maximum huwa ta' LM25 u l-minimum huwa ta' tlitt liri (LM3) . Ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet pjenament entro l-parametri li tistabilixxi l-ligi f'dan il-kaz partikolari ghal dak li jirrigwarda l-piena pekunjarja. F' kull kaz**

**mbaghad il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u ohrajn.)**

Mhux l-istess pero' ghal dak li jirrigwarda l-iskwalifika mill-licenzji tas-sewqan li fil-kaz tar-reat kontemplat fl-artikolu 3 (2A) tal-Kapitolu 104, il-periodu ta' sena skwalifika huwa wiehed tassattiv u ma hemmx riduzzjoni fir-rigward ai termini tal-artikolu 37 tal-Kap.9 jew tal-istess Kap.104. Ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha bil-fors tapplika din l-iskwalifika bhala parti mill-piena w dan ma ghamlitux. Ghalhekk f' dar-rigward l-appell hu ben fondat u ser jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha fl-intier taghha tkompli biex izzid maghha billi tordna li l-appellat jigi skwalifikat milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sena li tibda tiddekorri mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------